IL-BIRGU

Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

# Minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 5(07)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 5(07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar is-sbatax ta' Gunju, 2015 fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar (4.30pm)

## Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, il-Vici Sindku is-Sur Trevor Mizzi, Kunsilliera: Is-Sinjuri Lawrence Attard, Anton Gellel u Eman Zerafa
Is-Segretarju Ezekuttiv; Is-Sinjura Tania Belfiore

## Talba

Il-Laqgha bdiet fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar. Is-Sindku qal it-talba u taha bidu ghall-kontinwazzjoni tal-Laqgha numru 5(07).

### Korrispondenza

Is-Sindku, is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda korrispondenza minghand Jonathon Bonello li behsiebu jiftah cafeteria gewwa l-pjazza tal-Birgu u qieghed jitlob permess sabiex ikun jista'johrog mwejjed u siggijet quddiem il-hanut. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, stqarr li din hija talba simili ghal dik li ghamel Alan Darmanin u li s-suggett kien ga diskuss fil-laqgha tal-gurnata ta qabel. Huwa tal-fehma li l-Kunsill jiltaqa' separatament mas-Sur Bonello u mas

Sur Darmanin. Is-Sindku kompla jghid li l-importanti hu li dawn iz-zewg persuni jigi mgharrfa bil-kundizzjonijiet li kien ser johorgu mill-Kunsill, liema kundizzjonijiet gew diskussi l-gurnata ta' qabel.

Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ilment tas-Sur Joseph Gatt li jghix fi Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur. Is-Sur Gatt qieghed jilmenta fuq l-istat tal-bankina li trid tigi maqlugha mill-gdid sabiex jitpogga il-materjal tal-membrane. Is-Sindku fiehem lill-kunsilliera li billi l-kunsill m'ghadx ghandu s-servizz ta' kuntrattur ghal maintenance u l-patching tat-toroq, ghal dan ix-xoghol, wiehed irid iqabbad kuntrattur u jitolbu kwotazzjoni.

Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill b'zewg protesti permezz ta' imejl li waslu l-Kunsill minghand Anna Spiteri f'isem l-assocjazzjoni Flimkien ghal Ambjent Ahjar u minghand is-Sur Samuel Cutajar. Dawn iz-zewg persuni qeghdin joggezzjonaw li tinbena dar ghall-anzjani fil-Wied tal-Hawli. Huwa Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier, rapprezentant lill-kunsill f'din l-assocjazzjoni, stqarr li hu giex infurmat mill-istess assocjazzjoni b'din il-protesta. Is-Sindku kompla biex qal li skont is-Sinjura Spiteri hemm applikazzjoni mal-Mepa ghal dan il-progett pero' sa issa l-kunsill ma rcieva l-ebda notifika dwar dan. Huwa nforma lill-Kunsill li s-Sinjura Spiteri ghamlitha cara li ma taqbilx ghaliex skont hi din d-dar hija ppjanatha li tinbena f'zona ODZ. Is-Sindku, filwaqt li ddikjara li huwa jaqbel mal-kuncett li ssir dar ghall-anzjani minhabba li l-maggorparti tar-residenti tal-Birgu huma kollha anzjani, huwa ma jaqbilx biss li jekk l-art hija dik li tidher fir-ritratti li ntbaghtu, l-imsemmija art hija devoluta lill-kunsill u fl-ebda kien il-Kunsill ma gie mgharraf b'dak li hu ppjanat li jsir. Il-Kunsillier Gellel stqarr li filfatt, il-Gvern kien ippropona li ssir dar ghall-anzjani fil-budget li ghadda. Il-Vici Sindku is-Sur Trevor Mizzi, huwa tal-fehma li l-Kunsill ghandu jara l-pjanti sabiex jaraw ezatt fejn din id-dar ser tinbena. Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard, filwaqt li jaqbel li tinbena dar ghall-anzjani gewwa l-Birgu, ihoss li wiehed ghandu jistenna sakemm jara fejn id-dar tal-anzjani hija ppjanta li ssir.

Is-Sindku s-Sur John Boxall qajjem ukoll diskussjoni dwar il-latrina ta' Sally Port. Huwa informa lill-Kunsill, li filwaqt li l-perit dahhal l-applikazzjoni il-Mepa, hu gie avvicinat

mas-Sur Joseph Debono minn fondazzjoni fi hdan l-MTA fejn gharrfu li inholqot fundazzjoni specifika ghall-zoni turistici, u fost affarijiet pubblici ser jiffukaw l-energija taghhom fuq latrini pubblici, u li fil-kaz tal-Birgu hemm erbgha, li wahda minnhom hija dik ta' Sally Port. Is-Sindku, s-Sur John Boxall informa lill-kunsill li hu gie nfurmat li din il-fondazzjoni ser tikteb lill-Kunsill sabiex dawn il-latrini pubblici (dawk ta' Sally Port (tat-Toqba) u tal-Fortini) jaqghu f'idejn il-fondazzjoni, biex b'hekk l-imsemmija fondazzjoni tkun tista' tohrog sejha ghal-offerti tax-xoghlijiet u z-zamm tal-indafa taghhom. Is-Sindku kompla jinforma lill-kunsilliera li huwa talab lis-Sur Jospeh Debono sabiex il-proposti li qeghda taghmel din il-fondazzjoni jintbaghtu lill-Kunsill bil-miktub.

Sensiela ta' Korrispondenza lil u minghand MEUSAC rigward is-sejha ghall-applikazzjoni EDEN Call - Tourism & Gastronomy - wara li fuq talba tal-Kunsill intbaghtet l-informazzjoni kollha fuq din l-iskema, gie stabbilit li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ma huwiex eliggibli ghaliex wiehed mir-regolamenti imposti hu li l-lokalita' kellha ghal inqas torganizza festival fuq il-gastronomija sa mis-sena 2012.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall pogga fuq il-mejda booklet bit-titlu Birgu– Will U Remember b'ritratti tal-Birgu. Dawn ir-ritratti ttiehdu minn fotografi lokali u ghandhom tema diversa minn ritratti li ssoltu jittiehdu ta' din il-belt. Fuq qbil unanimu gie deciz li l-Kunsill jiltaqa' ma' dawn il-fotografi.

JUM IL-BIRGU

L-attivitajiet u l-ispejjez li jgib mieghu Jum il-Birgu –gew diskussi mis-Sindku u mill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, filwaqt li nforma lill-Kunsill li l-ispejjez tal-kuncert miz-zewg baned tal-lokal jilhqu l-ammont ta' €3,600, hu talab lill-Kunsillier Eman Zerafa jekk kienx gabar informazzjoni rigward l-ispejjez li huma nvoluti f'dawn l-attivitajiet. Il-Kunsillier Zerafa spjega li l-ispejjez huma bejn wiehed u iehor dawn imsemmija hawn taht

Kiri tal-Palk minghand l-MFCC - €1,800
Baned - €3,600
Kor - €300
Siggijiet - €250
Prezentatur - €50
Recording - €100
Dwal - ?
PA System - ?

Is-Sindku spjega lill-Kunsill li minghajr ma wiehed jinkludu l-ispejjez tad-dwal u l-pa system, l-ispiza telghat ghal €6,000, ghalhekk bejn wiehed u iehor dan il-kuncert ser jiswa lill-Kunsill €7,000.

Il-Kunsillier Anton Gellel issugerixxa li biex jitnaqqsu l-ispejjez, wiehed ghandu jikkonsidra li kemm il-kuncert (li ser isir fis-5 ta' Settembru) kif ukoll ic-celebrazzjoniet ta' Jum il-Birgu isiru f'gurnata wahda, u f'dan il-kaz fis-7 ta' Settembru ma jsir xejn. Kompla jghid li l-kuncert u l-baned huma dawk li qeghdin jaghmlu l-ispiza gholja. Is-Sindku, is-Sur John Boxall issuggerixxa li tintalab ghajnuna finanzjarja minn ministeru ghaliex jekk wiehed jaghmel stima l-ispiza ser titla' ghal madwar €10,000. Is-Sindku qal li l-Kunsill diga' ghandu f'idejh €2,500 (migbura minn donazzjonijiet) ghal din l-attivita'. Il-Kunsillier Gellel issuggerixxa li tintalab ghajnuna finanzjarja mill-Kumitat tal-450 Sena mill-Assedju l-Kbir li hu mmexxi minn Lou Bondi. Staqsa wkoll jekk hemmx involvement finanzjarju fl-attivitajiet li ser isiru fis-6 ta' Settembru ghax hu tal-fehma li l-Kunsill m'ghandux ihallas ghall-attivitajiet li ser jittellghu dakinhar. Il-Kunsillier Zerafa informa lil dawk prezenti li l-Kunsill intalab ihallas €800 ghan-nar (bil-permessi inkluzi). Huwa sahaq li gie mheggeg li tittiehed decizjoni minn naha tal-Kunsill ghaliex iz-zmien qieghed iqarreb.

F'dan il-waqt, is-Sindku ppropona li s-somma ta' €3,000 tinhareg mill-allokazzjoni tal-Kunsill u tigi

uzata ghal dawn l-attivitajiet. Huwa informa lill-Kunsill li huwa xorta ser jaghmel l-almu tieghu sabiex igib aktar donazzjonijiet Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

BIRGU FEST 2015

Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu flimkien mal-Kunsillier Zerafa ga bdew jahsbu ghal xi haga differenti u hemm il-hsieb li titella' attivita' ta' zfin li l-korografija taghha tirrakonta l-istorja tal-Birgu. Hemm il-hsieb li din l-attivita' ssir fil-Posta ta' Kastilja. Huwa kompla jghid li meta jingiebu artisti lokali ta' certu kalibru, hemm flejjes kbar involuti.

Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, ikkummenta rigward is-sistema tad-dwal li bih ser ikun illuminat l-Birgu, tali sistema ser tkun wahda sottili hafna u fl-istess hin ssebbah kull palazz u binja storika li hemm gol-Birgu.

Intant gie diskuss it-tali sostenn finanzjarju sabiex il-Birgu jkollu l-isbah dehra possibbli. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, sahaq li d-donazzjonijiet huma l-fattur principali ghal fondi. Huwa beda biex informa lill-Kunsill li hemm €15,000 mill-iskema tal-attivitajiet kulturali mnediha mill-gvern centrali. Apparti minn hekk, huwa sostna li fis-sena precedenti l-Kunsill gie ngannat minn uhud li ramaw bl-istands tal-ikel f'din l-attivita', u dan ghaliex wara li giet mitluba s-somma ta' €200 bhala donazzjoni sabiex tintrama stand, kien hemm minn rega' kera l-gabbana lil terzi persuni ghal somma hafna ikbar. Is-Sinku issugerixxa wkoll li apparti d-donazzjoni tintalab is-somma ta' €100 li tkun depositata fil-kaz li ta' hsarat. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, issugerixxa li minn jikri l-posta bl-intenzjoni li jerga' jikriha lill-terzi persuni, l-prezz ghandu joghla ghal €500. Issugerixxa wkoll li l-istands jigu pprovduti mill-kunsill u li dawn ghandhom ikunu tal-istess ghamla u kulur halli jkun hemm aktar sens ta' armonija. Is-Sindku issugerixxa li tigi mitluba is-

somma ta'€350 u dak li jkun jista' jikriha kemm jixtieq. Il-Kunsilliera Gellel u Zerafa qablu li ghandha ssir distinzjoni bejn dawk voluntieri u dawk negozjanti, cioe €200 lil voluntieri u €350 lil dak tan-negozju. Il-Kunsillier Lawrence Attard kien tal-fehma li t-talba tkun ugwali ghal kulhadd cioe' €350, imbaghad tkun ghad-diskrezzjoni tal- l-indivdwu jew ghaqda x'jaghmel mill-gabbana.

Gie issugerit ikoll ukoll li jigi involut l-ex Kunsillier Alan Cassar f'din l-attivita'.

## Referendum Torri tal-Arlogg

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ispiza ghal referendum tlahhaq €300,000 jekk din titmexxa mill-Kummissjoni Elettorali. Hu informa lill-Kunsill li dan ir-referendum ser jitmexxa mill-kunsill nnifsu bl-ghajnuna tal-Kummissjoni Elettorali, li ser tibghat ukoll rapprezentant. Hu fakkar lill-kunsilliera li din kienet weghda li saret mill-Kunsill precidenti lir-residenti pero' issa li l-Kunsillier Eman Zerafa gie elett minflok l-ex Kunsillier Alan Cassar, il-Kunsill hu fid-dover li l-proposta ta' referendum terga' tghaddi mill-Kunsill. Intant, il-Kunsillier Zerafa informa lis-Sindku li huwa jaqbel li jsir referendum dwar din il-kwesjoni.

Wara li sema' d-dikjarazzjoni tal-Kunsillier Zerafa, is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li d-domanda se tkun maghmula fuq il-parir mill-Avukat Noel Camilleri

## Aggornament

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta u nofs ta' filghaxija (6:30pm).

---

Il-Laqgha 6 (7) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu giet aggornata ghal-Erbgha 8 ta' Lulju, 2015 fl-erbgha u nofs (4:30pm) ta' wara nofsinhar.

________________________ ________________________

Tania Belfiore — John Boxall

Segretarju Ezekuttiv — Sindku

Approvati illum.............................................................................